# Id-Djarju tal-Parroċċa – Lulju 2015

| | |
|---|---|
| Mit-Tnejn 29 ta' Ġunju<br>sal-Ġimgħa 3 ta' Lulju | **Ġimgħa ta' Tagħlim**<br>***UTINAM - Mhux li kien***<br>Fis-7:15pm - Fil-bitħa tal-Museum tas-Subien. |
| Il-Ġimgħa 3 ta' Lulju | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:15pm - Laqgħa ta' Tagħlim fil-bitħa tal-Museum tas-Subien, li tagħlaq b'Ħin ta' Adorazzjoni. |
| Il-Ħamis 30 ta' Lulju | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |

---

**IEQAF u AĦSEB 2**

*BIEX IT-TWEMMIN NISRANI TIEGĦI JIDHER LI HU BIS-SENS,*
*BĦAL SAN PAWL, JIEN MA RRIDX NISTĦI ...*

***MILL-ISTIL TA' ĦAJJA NISRANIJA*** **Filippin 1, 20-21**

Jien għadni nittama u nistenna bil-ħerqa li ma jkolli xejn mniex nistħi;
anzi għandi l-fiduċja li, kif dejjem hekk s'issa,
Kristu jkun imsebbaħ fil-ġisem tiegħi sew jekk ngħix u sew jekk immut.
Għax għalija l-ħajja hi Kristu, u l-mewt hija rebħ.

***MINN KRISTU*** **2 Timotju 1, 7-8**

Għax Alla ma taniex spirtu ta' biża'
imma Spirtu ta' qawwa, ta' mħabba u ta' rażan.
Mela tistħi xejn minħabba fix-xhieda għal Sidna,
anqas minħabba fija, priġunier tiegħu,
imma aqsam miegħi t-tbatija għall-Evanġelju, u afda fil-qawwa ta' Alla.

**MILL-EVANĠELJU** **Rumani 1, 16**

Jiena ma nistħix mill-Evanġelju,
għax l-Evanġelju hu l-qawwa ta' Alla
għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu.

*Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270*



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL SAFI

**Tel: 21649223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## IS-SAJF
## Żmien it-Tħarbit jew Żmien biex niġu f'sikkitna

*"Uff xi sħana! ... Imma almenu twalet il-ġurnata, u nistgħu nmorru ftit fejn il-baħar"* ... u mhux biss.

Espressjonijiet li żgur smajniehom jew saħansitra kapaċi ngħiduhom aħna stess. Is-sajf wasal, u bir-rittmi, bir-riti, u bix-xewqat tiegħu, joffrilna l-opportunità ta' ftit żmien liberu u ta' mistrieħ. Ir-ritmu tal-parroċċa jinbidel u bħal donnu ċertu nies mhux biss jixterdu 'l hawn u 'l hinn ma' gżiritna u mhux biss, imma wħud bħal donnu jitlifu saħansitra s-sens ta' appartenenza: min imur villaġġatura, min isiefer għal xi vaganza, u min għal xi volontarjat. Biss ejjew naraw li fix-xewqat u l-ħolm, jew n-nuqqas tagħhom - għax xi wħud donnu jispiċċaw bla saħħa - li jkollna għas-Sajf, ma nintrabtux ma' attitudnijiet u drawwiet li minflok ma jgħinuna nistrieħu, jispiċċaw jiżvojtawna mis-sens, mill-iskop, mis-sinjifikat li suppost id-diversi opportunitajiet f'dan iż-żmien joffrulna.

### *Żmien ta' Libertà u Ħajja*

Il-kelma 'vaganza', ġejja mil-Latin "vacare" u tfisser tkun vojt, tkun liberu, ma tkunx marbut. Anke bil-Malti, il-kelma 'btala' għandha bejn wieħed u ieħor l-istess għerq ta' 'battal'. Biss nafu biżżejjed li dan aktar milli żmien vojt u allura bla skop, ejjew ngħixuh bħala żmien ta' libertà, li nimlewh bis-sens ħalli ma nixbgħux u naqgħu fil-monotonija. U b'libertà ma jfissirx li nagħmlu li rridu, imma li nkunu kreattivi anke fil-mentalità t'Alla: is-Salm 45 kważi jistedinna biex nagħmlu vaganza: *"**Vacate** et videte quoniam ego sum Deus - **Ieqaf** u kun af li jien Alla"*. Allura, ejjew inħarsu lejn is-sajf bħala ż-żmien biex nieqfu ftit u nieħdu f'idejna r-riedni ta' ħajjitna: żmien għalina u żmien għall-oħrajn: niġu f'sikkitna, nagħmlu xi ħbieb ġodda, naraw x'inhu l-essenzjal f'ħajjitna u niddedikaw ħin adekwat lill-familja u lil Alla.

### *Żmien ta' Sbuħija u Rispett*

Is-sajf hu ż-żmien tas-sbuħija. Mhux iż-żmien ta' min jikxef l-aktar bir-raġunar li tort tas-sħana u hekk ħalaqna l-Bambin. F'dak il-każ, dik ma tiġix sbuħija imma nuqqas ta' prudenza u rispett lejn id-dinjità kemm personali u kemm ta' dawk tal-madwar. Imma permezz *"tat-triq tas-sbuħija"* qed nifhem li hu possibli li nqajmu x-xewqa għas-sens u l-verità tas-sbuħija li mhu ħadd ħlief Alla. Għaldastant il-vaganza għandha tfakkar lill-bniedem f'dak li tassew hu u mhux taljenah aktar: hu x-xbieha ta' Alla msejjaħ biex jistrieħ fiH u jgħix fis-sbuħija u l-ferħ tiegħU. Ta' min nixtarru sew kliem Rosanna Virgili, bibblista Taljana, li tistedinna biex inħarsu lejn il-"ħin liberu" b'mod pjuttost oriġinali: ***"Ejjew nagħmlu mill-ħin liberu oasi profonda u siekta fejn nixorbu it-togħma tal-mixja fid-deżert tal-ġimgħa, u l-miraklu tal-ħolqien mix-xejn, il-bir tat-tama. Żmien li fih nintelqu***

*ikompli f'paġna 2*

***f'idejn xi ħadd, żmien li fih nitgħallmu ninħallu, nitkellmu, nafdaw, inħarsu, nisimgħu, żmien li fih tassew ninġabru, minkejja li bħal donnu naħlu ż-żmien, u fuq kollox żmien biex ngħixu, nesperjenzaw u immissu mingħajr ħafna kkundizzjonar u manipolazzjoni, it-tiġdid, ir-rikreazzjoni tan-nisġa tar-ruħ ...!"***

**Għalhekk dan is-SAJF:**

Sib ċans biex tistrieħ ... mal-Mulej,
Qaċċat fl-għażż ...
... iżda mhux tant fl-ilbies,
Naqqar xi ħaġa ...
... ersaq u tqarben bl-Ewkaristija,
Mur il-baħar ...
... iżda mhux f'ruħek u imġibtek,
Tgħallem gawdi ...
... speċjalment lil tal-familja!!!

***IL-MULEJ M'GĦANDHUX VAGANZI:
JIBQA' JISTENNIK
ĦU SEHEM FIL-QUDDIES!!!***

**Dun David Farrugia**
*Kappillan Ħal Safi*

---



*Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija*

Aimee Grixti

**IEQAF u AĦSEB 1**

# IL-KIKKRA TAT-TÈ

Koppja li kienet qed tiċċelebra il-25 sena miż-żwieġ tagħhom għamlet ġita l-Ingilterra u kif kienu hemm żaru diversi ħwienet tal-antikitajiet, ladarba kellhom id-delizzju li jikkollezzjonaw antikitajiet ta' ċertu valur.

Waqt li kienu f'ħanut partikulari raw kikkra unika li tassew impressjonathom u talbu li josservawha mill-qrib biex ikunu jistgħu jakkwistawha.

Meta min kien qed jieħu ħsieb il-ħanut newwel din il-kikkra lil dawn is-sinjuri, u dawn bħal donnu semgħu lil din i-kikkra tkellimhom.

"Kunu afu li jien mhux dejjem kont hekk.
Kien hemm żmien meta jien kont sempliċiment
ftit fuħħar mitluq f'kamra mgħammra b'diversi għodod.

Iżda ħadni l-fuħħari u beda jirromblani u bħal donnu jsabbatni 'l hawn u 'l hinn.
Jien bdejt inweġġa' iżda l-Imgħallem, bi tbissima fuq fommu,
qalli li għalissa ma kienx ser iħallini."

"Imbagħad ħadni u poġġini fuq rota u beda jdawwarni fuq li jdawwarni.
Ħassejtni qed nistordi sew, imma hu mhux biss talli ma waqafx,
imma talli beda jġebbidni u l-ħin kollu jibdilli l-forma biex jagħmilni aktar nogħġbu."





"Iżda ma kienx biżżejjed. Daħħalni ġo forn b'nar jikwi u sħana terribli.
Jien bdejt ninxef u nikwi bin-nirien imma l-għajjat tiegħi,
ma serva għalxejn għax l-Imgħallem, baqa' jitbissimli
u jgħidli li għalissa ma kienx ser iħallini."

"Fl-aħħar ħariġni u poġġieni fuq xkaffa biex nibred.
Tassew kien mument sabiħ,
imma ma kellux idum wisq għax malajr ħadni f'idejh u beda jiżbagħni.
Ir-riħa kienet tassew qawwija imma l-Imgħallem xorta baqa' jitbissem
u jgħidli li kien għad fadal x'isirli."

"U hekk kien għax reġa' daħħalni fil-forn, aktar qawwi minn qabel.
Jien iddisprajt imma eżatt kif kont ser inċedi fetaħ il-bieba, poġġini fuq xkaffa biex nibred u wara qabad mera u qalli: Ejja ara issa kif tidher? Ħares lejk innifsek!"

Hekk għamilt u ma ridtx nemmen. Kont tassew sabiħa.
Imbagħad smajt lill-Imgħallem jgħidli bil-kwiet u l-kalma kollha:

"Naf li weġġajt meta rromblajtek u sabbattek,
imma kieku tlaqtek għal rasek ma kont tinxef qatt;
Naf li stordejtek meta dawwartek fuq ir-rota,
imma kieku waqaft kont titkisser;
Naf li verament ħassejt is-sħana meta daħħaltek ġol-forn,
imma kieku waqaft kont tixxaqqaq u tinqasam;
Naf li r-riħa taż-żebgħa dejqitek
imma kieku qatt ma kont tissoda, u ma kien ikollok l-ebda kulur f'ħajtek;
U kieku ma erġajtx qegħedtek fil-forn għat-tieni darba,
ma kontx iddum wisq ħajja.
Imma issa inti lesta;
issa int ġejt eżatt kif kelli f'rasi sa' mill-bidu."

**ALLA jaf x'inhu jagħmel għal kull wieħed u waħda minna
Hu l-Fuħħari u aħna t-tafal.
Hu jiffurmana u jagħmilna,
u jqiegħedna f'sitwazzjonijiet pjuttost diffiċċli
imma li nifilħu għalihom
biex tassew insiru it-Teżor mixtieq,
li jissodisfa r-Rieda Tiegħu.**

